Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,719, 16 ta' Settembru, 2026
Taqsima B

A.L. 247 tal-2026

ATT DWAR IL-PULIZIJA
(KAP. 164)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 82(2) u 101 tal-Att dwar il-Pulizija, il-Ministru responsabbli għall-pulizija, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"Raba' Skeda".

Kap. 164.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għall-pulizija jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Jemenda r-Raba' Skeda.

2. Ir-regolament 14 tar-Raba' Skeda għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu l-kliem "tlieta u għoxrin fil-mija (23%)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "disgħa u għoxrin fil-mija (29%)";

(b) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(2a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), fejn uffiċjal li jkollu l-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija jkun serva, jew jitqies li serva, terminu ta' erba' (4) snin f'tali kariga qabel jew malli jtemm ħamsa u għoxrin (25) sena ta' servizz fil-Korp, tali terminu ta' erba' (4) snin għandu, għall-finijiet ta' dan ir-regolament, jitqies li jikkostitwixxi l-perjodu addizzjonali ta' erba' (4) snin imsemmi fis-subregolament (2):

Iżda tali uffiċjal għandu, malli jtemm ħamsa u għoxrin (25) sena ta' servizz fil-Korp, isir intitolat għaż-żieda fil-pensjoni provduta fis-subregolament (2) u, għall-

finijiet tas-subregolament (3), għandu jitqies li jkun ikkompleta disgħa u għoxrin (29) sena ta' servizz fil-Korp:

Iżda wkoll kwalunkwe servizz mogħti minn tali uffiċjal wara li jtemm ħamsa u għoxrin (25) sena ta' servizz fil-Korp għandu, għall-finijiet tas-subregolament (3), jitqies bħala servizz li jeċċedi d-disgħa u għoxrin (29) sena ta' servizz, soġġett għall-perjodu massimu ta' sitt (6) snin provduti fis-subregolament (3).";

(ċ) fis-subregolament (3) tiegħu l-kliem "erba' (4) snin servizz" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sitt (6) snin servizz".